30 ta' Novembru, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Vincent Parnis *versus* Avukat Dr. Giuseppe Vella, LL.D. ne.

**Azzjoni "de in rem verso" — Elementi**

*L-azzjoni "de in rem verso" hija konċessa fil-każijiet meta l-azzjoni "ex contractu" mhix esperibbli; u għandha l-fondament u l-limiti tagħha fil-vantaġġ li terza persuna takkwista; fin-nuqqas ta' liema vantaġġ l-azzjoni ma tistax tiġi esperita. U kwindi l-ele-*

*menti għas-success ta' din l-azzjoni huma (a) li l-ħaġa li tkun ġiet versata, jew li tkun għaddiet fil-patrimonju ta' ħadd ieħor, tirriżulta ta' vantaġġ u utilità tiegħu, (b) li dak il-passaġġ tal-ħaġa (versjoni) jkun sar b'titolu lukrattiv; (c) u li min jirċeviha jkun sar aktar sinjur b'dak li jgħaddi għandu.*

*Wieħed mill-modi kif jista' jsir dan l-arrikkiment huwa dak li jitnissel minn negozju ġuridiku ntervenut bejn id-danneġġjat u l-arrikkit, li skond il-liġi (a) huwa null, u li minnu, kwindi, ma titwieledx azzjoni, (b) jew li jkun ġie riżolut, (c) jew li tonqos fih il-kawża.*

*Għaldaqstant, fil-każ preżenti, fejn l-attur kien nefaq flus biex immiljora fond ta' missieru, li kien interdett, u fejn l-attur talab li jiġu rifużi l-flus hekk minnu minfuqa, il-Qorti żammet u qatgħet li, anki jekk il-missier interdett ma setgħax, minħabba l-inkapaċità tiegħu, jakkonsenti biex isiru dawk l-ispejjeż, u avvolja t-titolu ta' l-attur kien difettuż, l-attur kellu dritt jirreklama dawk il-flus bis-saħħa tal-azzjoni esperita "de in rem verso".*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-attur għamel fil-fond tal-konvenut Parnis, "Aeneas", Bwieraq Street, Birkirkara, diversi xogħolijiet u spejjeż, li *jirriżultaw mid*-dokumenti A u B annessi maċ-ċitazzjoni, li jammontaw b'kollox għas-somma komplessiva ta' £174.17.9; u billi l-konvenut Parnis ma jridx iħallas l-imsemmi ammont, allavolja kien kuntent b'dan ix-xogħol, u b'dana l-mod irrikava vantaġġ fil-fond tiegħu mill-imsemmija xogħolijiet; talab li l-konvenuti, jew min minnhom, ikunu kundannati jħallsu lill-attur is-somma ta' £174.17.9 fuq imsemmija. Bl-imgħax legali minn notifika taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-azzjoni ntentata mill-attur hija dik konoxxuta bħala l-azzjoni "de in rem verso", bażata fuq id-dispożizzjonijiet tat-Titolu omonimu tad-Diġest (Liber XIV, Titolu

III), u li mill-prattiċi ġiet estiża għall-każijiet kollha l-oħra li jkunu juru li kien hemm lokupletazzjoni effettiva a dannu ta' ħaddieħor, in forza tal-prinċipju li "jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem" (L. 206 ff. Dig. De Regulis Juris), u ġiet konċessa fil-każijiet meta l-azzjoni "ex contractu" mhix esperibbli. Il-fondament ta' din l-azzjoni, imsejħa wkoll ekwitattiva jew sussidjarja, għandha l-limiti tagħha fil-vantaġġ li terza persuna takkwista; fin-nuqqas ta' liema vantaġġ l-azzjoni ma tistax tiġi eżerċitata;

Illi, kwindi, l-elementi meħtieġa għas-suċċess ta' din l-azzjoni huma tlieta, u ċjoè: (1) Li l-ħaġa li tkun ġiet versata, jew li tkun għaddiet fil-patrimonju tal-konvenut, tirriżulta ta' vantaġġ u utilità tiegħu; (2) li dak il-passaġġ tal-ħaġa (versjoni) tkun saret b'titolu lukrattiv; (3) u li min jirċeviha jkun sar aktar sinjur b'dak li jgħaddi għandu;

Illi wieħed mil-modi kif jista' jsir dan l-arrikkiment huwa dak li jitnissel minn negozju ġuridiku ntervenut bejn id-danneġġjat u l-arrikkit, li skond il-liġi (a) huwa null, u li minnu, kwindi, ma titwieledx azzjoni, jew (b) li jkun ġie riżolut, (c) jew li tonqos fih il-kawża. Jistgħu jingħataw bħala eżempji ta' l-ewwel ġeneru dak li hemm maħsub fl-artikolu tal-Kodiċi Ċivili 1197 (pagament magħmul lill-kreditur "in buona fede" inkapaċi li jirċevieħ); 1971 (in-nisa u l-minuri li jistgħu jkunu mandatarji, imma b'dan li, kontra l-minuri jew il-mara miżżewġa mhux awtorizzata mir-raġel, il-mandanti ma għandhomx azzjoni kontra tagħhom ħlief skond ir-regoli ġenerali ta' l-obligazzjonijiet); 1265 (estensjoni tar-rimborż mill-minuri, nisa miżżewġin u interdetti, meta minħabba l-inkapaċità tagħhom jitolbu r-rexissjoni ta' l-obligazzjonijiet tagħhom); 2000 (depożitu volontarju magħmul minn persuna kapaċi lil persuna inkapaċi. bl-azzjoni ta' restituzzjoni sas-somma li tkun sfat ta' ġid lid-depożitarjru). Eżempji tat-tieni ġeneru (riżoluzzjoni) hemm maħsub fl-art. 1530 tal-Kodiċi Ċivili (fil-każ ta' l-irkupru konvenzjonali), u dak li hemm maħsub fl-art. 1493, 1494 u 1495 (fil-każ ta' l-irkupru in ġenerali). U eżempju tat-tielet ġeneru (meta tonqos il-kawża) huwa maħsub fl-art. 973 ta' l-istess Kodiċi Ċivili (dwar l-ispiża tal-miljora-

menti ta' l-immobili dovuti lid-donatarju fil-kollazzjonijiet);

Illi minn dan li ntqal fuq, per konsegwenza, jitnissel illi *dina l-azzjoni, introdotta mill-ekwità tal-pretur ruman*, ġiet estiża għal kwalunkwe vantaġġ li persuna tirritraji mill-fatt ta' ħaddieħor, mingħajr titolu ġuridiku, jew b'titolu difettuż, jew null;

Ikkunsidrat;

Illi mid-depożizzjoni ta' l-attur jirriżulta li huwa nefaq fid-dar ta' missieru, li huwa nterdett, l-ammonti ndikati fid-Dok. A u Dok. B; u wara li għamel dak l-istess xogħol, missieru wera l-intenzjoni li jbiegħ il-post fejn sar ix-xogħol bil-miljoramenti li minn butu għamel l-attur ibnu, bl-isperanza li xi darba dak l-istess post għan-nofs tiegħu għad jaqa' taħt idejh. L-attur jgħid, li meta sar dak ix-xogħol, missieru kien konsenzjenti, li missieru jinnega; imma anki jekk l-interdett kien konsenzjenti, dak il-kunsens tiegħu, minħabba l-inkapaċità tiegħu, ma saħħaħx ebda negozju. Jibqa' però l-fatt li dak li għamel l-attur fil-post ta' proprjetà tal-konvenut kien ta' utilità u vantaġġ għalieh; ma kienx sar in forza ta' titolu oneruż, iżda ta' titolu lukrattiv; u b'dak l-istess xogħol il-patrimonju ta' l-interdett immiljora, u l-istess interdett sar aktar sinjur jew arrikkixxa ruħu bih; b'mod li, fuq il-prinċipji li fuq ġew enunċjati, anki jekk it-titolu ta' l-attur huwa difettuż, il-fatt tal-vantaġġ li huwa bi ħwejġu arreka lill-patrimonju ta' l-interdett jintitolah għall-ammont li bih il-konvenut ġie arrikkixxa ruħu;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi kontra l-konvenut nomine, li jirrappreżenta lill-konvenut l-ieħor, bl-imgħax legali minn *notifika* ta' l-att taċ-ċitazzjoni, u bl-ispejjeż.